MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2014

Numru 1008/2013

**SPETTUR TREVOR MICALLEF**

**VS**

**AHMED BASSAM KHASEB**

**OMMISSIS**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Ahmad Bassam Khaseb bin Bassam u Samiha nee' Hamayef, mwieled 5 ta' April 1987, Sirja, residenti 399, St. Joseph, Triq l- Mdina, Qormi u detentur tal-passaport bin- numru 0058895342;

U

OMMISSIS

Talli f' dawn il- Gzejjer nhar it- 13 ta' Ottubru 2013 ghal habta tat-8.00am f' San Giljan u/jew fil- vicinanzi;

1) Attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b' hebb kontra persuni inkarigati skond il- ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qed jagixxu ghall- esekuzzjoni tal- ligi jew ta' ordni moghtija skont il- ligi mill- awtorita' kompetenti;

2) Aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il- persuni ta' PC 1281 Keith Bugeja u PC 507 Rhys Cassar, persuni inkarigati skont il- ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu jagixxu ghall- esekuzzjoni tal- ligi jwe ta' ordni moghti skont il- ligi mill- awtorita' kompetenti;

3) Aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurjaw, heddew jew ghamlu offiza fuq persuni inkarigati skont il- ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qeghdin jaghmlu jew minhabba li kienu

ghamlu dan is- servizz, jew bil- hsiebli jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l- ligi fl- esekuzzjoni ta' dak is- servizz;

4) Aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il- bon ordni jew il- kwiet tal- pubbliku b' ghajjat u glied;

5) Aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdewx l- ordnijiet legittimi tal- awtorita' jew ta' min ikun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma hallewhomx jew fikxluhom waqt li jkunu ghamlu d- dmirijiet taghhom;

Lil Ahmed Bassam Khaseb wahdu;

6) talli fl- istess data lok, hin u cirkostanzi f' lok pubbliku jew miftuh ghall- pubbliku, kien fi stat ta' sakra;

7) aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi saq vettura b' numru tar- registrazzjoni SD 52 KVJ tal- ghamla Honda b' mod perikoluz, traskurat u negligenti;

8) aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi saq vettura numru tar- registrazzjoni SD 52 KVJ tal- ghamla Honda b'manjiera eccessiva;

9) aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi kellu l- kontroll tal- vettura b' numru tar- registrazzjoni SD 52 KVJ tal- ghamla Honda, vettura bil- mutur jew vettura ohra li tkun fit- triq jew f' post pubbliku iehor meta ma kinx f' kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew droga;

10) ukoll talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi prova jsuq, jew kellu kontroll ta’ vettura bil- mutur jew vettura ohra fit- triq jew f’ post pubbliku iehor u cioe’ vettura b’ numru ta’ registrazzjoni SD 52 KVJ tal- ghamla Honda wara li kien ikkonsma tant alkahol li l- proporzjon tieghu fin- nifs, fid- demm jew fl- urina kien izjed mil- limitu preskritt;

11) ukoll talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi b’ nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’ nuqqas ta’ hila fl- arti jew fil- professjoni tieghu, jew b’ nuqqas ta’ tharis tar- regolamenti, involontarjament ikkaguna hsara involontarja fuq arblu tad- dawl ghad- dannu tal- korporazzjoni Enemalta u/ jew entita ohra;

12) aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi garr ‘il barra minn xi fond jew id- dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqa’ jew bil- ponta ta’ liema xorta jkun minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il- Kummissarju;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-istadju ta’ provi tal-Prosekuzzjoni f’dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi, u wara li l-imputat gie mwissi solennement minn din il-Qorti dwar il-konsegwenzi li din l-ammissjoni setghet iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l- Artikoli 96, 221, 95(1), 338(dd), 338(ee), 338(ff) u 328 (d) tal- Kap 9;

L-Artikoli 15(1)(a), (2)(3), 15A(1) u 15B(1) tal- Kap 65;

Ir-Regolament 127 ta’ LS 65.11;

Kif ukoll l-Artikolu 6 tal- Kap 480 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Fuq ammissjoni din il-Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah ghall-piena ta’ sentejn prigunerija sospizi ghal erba’ (4) snin ai terminu tal-Artikolu 28A tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Tikkundannah ukoll multa ta’ elfejn u hames mitt ewro (€2,500), u tordna l-iskwalifika tal- licenzja tas- sewqan tal-imputat ghal sena.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------